Programm li ser jintogħġob ferm miż-żgħażagħ u l-adoloxxenti. Kompetizzjoni sempliċi fejn fih taqta' d-diski li jkun idoqq il-preżentatur biċ-ċans li tirbaħ diversi premijiet. Diski minn kull ġeneru, diski tal-widna kif ukoll diski li forsi ma tantx nisimgħu bihom.

Il-programm li għandek tisma t-Tnejn wara nofsinhar flimkien ma' Nathan Portelli.

**Aqta' l-Leħen**




Dan il-*gameshow* ferm popolari magħkom is-semmiegħa jerġa' jsib postu f'din l-iskeda tal-festa. Programm li fih se jittieħdu frażijiet minn ta' persuni familjari magħkom il-Qalin, filwaqt li intom is-semmiegħa tistgħu tikkompetu sabiex taqtgħu l-leħen immanipulat. Preżentazzjoni ta' Diana Bartolo u Lee Ann Portelli.

**Aqta' t-Tisliba**

Issibha ta' kuljum f'diversi gazzetti u *magazines*, tinvolvi t-tħabbil il-moħħ u tista' trebbħek xi rigal. Issa wkoll tista' tittanta xortik u tilgħab it-tisliba flimkien ma' Ivan Cefai fuq ir-radju.

**Aqta' Pajjiżi**




6.93 biljun persuna, ħames kontinenti imma fuq liema poplu, nazzjon, lingwa, tradizzjonijiet, drawwiet, lingwa, ħiliet qed jagħtuna l-ħjiel Anna Marie u Melanie dil-ġimgħa? Liema pajjiż ser ikun taħt il-lenti tagħna dil-ġimgħa? Aqta' Pajjiżi kull nhar ta' Erbgħa wara nofsinhar.

**Naqblu Jew Ma Naqblux?**

Għal skeda oħra, il-preżentaturi ta' dan il-programm, Josianne Bajada, Rossana Cremona, Miriam Mifsud, Jessica Mizzi, Amy Portelli u Marlene Rapa ser ikomplu jlaqqgħuna ma' koppji aħwa, ħbieb, kuġini u naraw kemm tassew jaqblu jew ma jaqblux.

**Nofs Siegħa Kollox**

Programm ta' tletin minuta ta' kompetizzjoni fejn intom is-semmiegħa jkollkom l-opportunità li ssemmgħu leħinkom għall-ħinijiet ta' qabel l-ikla tas-Sibt filgħodu. Għalhekk ipparteċipaw bit-telefonati u sms's u tidħlu biċ-ċans li tirbħu premju sabiħ ta' kull ġimgħa. Preżentazzjoni ta' Roxana Xuereb.




**Avviżi**

Il-ħajja tal-parroċċa hija waħda attivà. Din l-attività tkompli tiżdied aktar ma' toqrob il-festa Ġużeppina. Ta' kuljum wara r-reċita tal-Angelus ta' nofsinhar u l-kampanja 'Ixtri Ġurnata', Antoine Cini jwasslilna l-avviżi tal-parroċċa ta' matul dak il-jum u tal-ġimgħa li tkun ġejja fuqna.




**Dawk li Għamlu lil Malta**

F'dan il-programm jittratta xi persuni li baqgħu jissemmew fl-istorja. Kull nhar ta' Erbgħa mis-siegħa u nofs sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar Patricia Buttigieg twasslilna dan il-programm informattiv li jikkonċerna personalitajiet kif ukoll oġġetti li kienu ta' importanza għal missirijietna.




**Do You Remember**

Huwa ta' unur għal Radju Leħen il-Qala li jista' jgħodd lil Stephen Petricco bħala wieħed mill-voluntiera tiegħu. Stephen huwa kontributur mal-istazzjon internazzjonali tar-radju Ingliż BBC. Huwa wkoll *producer* ta' diversi films. Għal din l-iskeda Stephen jagħtina programm mużikali flimkien ma' tagħrif dwar diversi films li għamlu suċċess fil-*box office*.

*Sfortunatament, Stephen minn ħames programmi ser jagħtina tnejn. Daqshekk laħaq għamel qabel ma' nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju ntemmet ħesrem il-ħajja tiegħu fuq din l-art u beda' jgħix fl-eternità. Id-dedikazzjoni u l-professjonalità fix-xogħol tiegħu huma ta' tagħlima għalina lkoll.*




**Il-Qala fl-Awstralja**

Iddur kemm iddur id-dinja, tmur fejn tmur, post raħal twelidek ma' jitħassar qatt minn qalbek. F'dan il-programm il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja, Michael Buttigieg, flimkien ma' wieħed mill-fundatturi tal-istess Assoċjazzjoni Dr. Raymond C. Xerri jaqsmu mas-semmiegħa l-ħajja tal-Qalin emigranti fl-Awstralja.




**Isma' u Nforma Ruħek**
Dawn huma 25 programm mimlija informazzjoni u tagħrif utli għaċ-ċittadin li tajjeb li jkun jaf bihom u x'għandu jagħmel biex jibbenefika minnhom jekk jiġi bżonnhom. Din is-sensiela ser tlaqqana ma' diversi persuni li lkoll huma intiżi fis-suġġett partikulari tagħhom. Programm ta' nofs siegħa, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mill-10.30am sal-11.00am, b'ripetizzjoni fil-11.30pm, maħsuba, ppreparati u ppreżentati minn Euchar Mizzi.




**Konċiż**
Mill-A saż-Ż... 5 minuti ta' fatti u kurżitajiet... kollox fil-qosor... kollox KONĊIŻ. Segwu l-*breakfast show* 'Qomna Jew?!' mit-Tnejn sal-Ġimgħa. U jekk intom ħarira kurjużi – stennew ir-rokna 'Konċiż' ma' Chelsi Cefai.

**Mill-Kċina ta' Ġannina**
Din hija sensiela ta' 10 programmi. Fost l-oħrajn tingħata informazzjoni dwar ir-relazzjoni tagħna mal-ikel, valuri nutrittivi, l-importanza tal-eżerċizzju, l-istorja tal-ikel matul iż-żminijiet kif ukoll informazzjoni l-aktar riċenti mid-dinja kulinarja. Matul il-programm jingħataw ukoll riċetti sajfin b'ingredjenti u prodotti imkabbra lokalment tal-istaġun għal-okkażjonijiet differenti. Ir-riċetti li jingħataw waqt il-programm jistgħu jinkisbu minn fuq il-paġna tal-*facebook* ta' Radju Leħen il-Qala jew inkella jinġabru personalment mill-istazzjon tar-radju. Programm li jikkuntenta lil aptit ta' kull min jaf jiekol tajjeb għal saħħtu u għal qalbu.




**Taħdidiet fuq l-Agrikultura u l-Ortikultura**
Ivan Cefai jintervista lis-sur F. J. Saliba N.D.C.H., C.D.H. (UK), eks-uffiċjal ewlieni fid-dipartiment tal-agrikultura. Is-suġġetti diskussi huma xogħlijiet, provi u esperimenti li saru fil-*farm* sperimentali tax-Xewkija, is-siġar taċ-ċitru, is-siġar ta' frott irqiq, il-bexx u s-sustanzi li għandha bżonn kull pjanta li nkabbru.






**Nitkellmu mal-Arċipriet**
L-Arċipriet, kif ilu jagħmel għal diversi xhur u snin, kull nhar ta' Ħadd ikun magħna sabiex jagħtina informazzjoni marbuta mal-ħajja tal-parroċċa, b'mod partikulari l-kontenut tal-Bullettin ta' kull ġimgħa.

**OASI.com**
Informazzjoni u intervisti esklussivi mill-fomm ta' voluntiera u kif ukoll ħaddiema ta' din l-għaqda. Dan il-programm għandu jolqot il-widna ta' kulħadd. Pero' b'mod partikolari hu indirizzat liż-żgħażagħ li huma aktar esposti li jiltaqgħu ma' vizzji u diffikultajiet fiż-żgħożija.

**Taħlita Informativa**
Għal dawn l-aħħar 37 sena, ir-rivista "Sagħtar" żgur li kienet waħda mis-sorsi edukattivi għat-tfal u l-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. Joseph Cutajar jislet informazzjoni mill-minjiera ta' artikli li kienu ppublikati f'din ir-rivista u xi ngħidu, daqsxejn ta' mużika tajba ma tonqosx!




**The Beauty Corner**
B'differenza għal sensieli oħrajn, f'din is-sensiela Angelica Cefai mhix ser tkellimna dwar prodotti li jsebbħu d-dehra tagħna biss, imma anke fuq stili u kuluri ta' ħwejjeġ li huma fil-moda għal dan is-sajf. Dan huwa programm mimli enerġija u b'informazzjoni utli għal kulħadd speċjalment għal dawk li jsegwu u jħobbu l-moda. Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Angelica Cefai.

**Tletin**
Programm ta' tletin minuta mwassal lilna minn Christoph Caruana u Malcolm Cefai b'informazzjoni u attwalità.

## KULTURALI




**Wirt Għawdex**
Michael Carol Bartolo ser ikellimna dwar tradizzjonijiet li rari għadna nisimgħu bihom, kliem Għawdxi li kważi intesa, postijiet ta' interess li ftit nafu dwarhom, oġġetti arkeoloġiċi li ftit smajna

dwarhom, speċi ta' natura li huma rari ħafna u fl-aħħar u mhux l-inqas dwar anke l-ambjent naturali (bajjiet, kampanja, eċċ) li Għawdex huwa mogħni bihom.




**Illum il-Qala fl-Imgħoddi**
Qatt ħsibt bħal-lum il-ġurnata x'avveniment ġara fir-raħal tiegħek? Fuq riċerka ta' Dr Raymond C. Xerri, kuljum, waqt il-*breakfast show* 'Qomna Jew?!', ser immorru lura fiż-żmien u naraw missirijietna ma xhiex kellhom iħabbtu wiċċhom. Avvenimenti li jistgħu jkunu festiġġużi u oħrajn fuq nota sewdenija.




**Leħen il-Banda**
X'qed tagħmel il-Banda Ite ad Joseph fir-raħal? X'sehem għandha fil-festa tar-raħal? U lil hinn mil-lokalita? X'ċelebrazzjonijiet qegħda tagħmel f'għeluq il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tagħha? Ingħaqdu mal-Kumitat tal-Banda Ite ad Joseph għal dan il-programm informattiv.




**Mill-Istaġun tal-Festi**
Ta' kull nhar ta' Ħadd, Radju Leħen il-Qala qed jippreżenta permezz tal-preżentatur żagħżugħ, Gabriel Vella, sensiela ta' programmi li fihom tingħata ħarsa lejn il-festi li jkunu qed jiġu ċċelebrati kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. Pinzellati ta' tagħrif dwar statwi, baned u parroċċi differenti u xi daqqa banda ma tonqosx.




**Siegħa Għana mal-Basli**
Il-ħakmiet differenti li kellha l-gżira Maltija spiċċaw influwenzaw mod għajxien il-Malti, il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħha. Waħda mit-tradizzjonijiet li ħallewlna missirijietna huwa l-għana Malti. Raymond Buttigieg, *il-Basli*, jdewwaqna xi ftit għana Malti fil-forma ta' spirtu pront, għana tal-fatti, makjetti, gadanza fit-tul u għana mgħaġġel fost oħrajn. Programm li żgur m'għandkomx titilfu.




**Rumanz**

*- Belt ta' Qalbi, Bint il-Ħlewwa b'kitba ta' Joe Galea*

Johnny u Sophie, koppja b'żewġt itfal tewmin, kienu jinħabbu. Iżda meta kienet għadha xebba Sophie kellha tarbija, Aida, li kienet tatha lil tfajla oħra bħalha, jisimha Josette biex tieħu ħsiebha hi. Iżda xi jsir minnha u jekk kinitx l-istess tarbija jibqa' misteru sa l-aħħar tal-ġrajja. It-tarbija tgħix u tikber, u magħha jikbru l-misteri tat-twelid tagħha. Aida, imnikkta u mdejqa għax Josette tibda taħqarha, tiddeċiedi li taħrab. Aida tinstab wara l-bieb taddar ta' Johnny u Sophie li jitħassruha u jżommuha magħhom.

Josette issir tħobb lil Johnny, u tibda tgħir għal Sophie, u tagħmel minn kollox biex tisfratta ż-żwieġ tagħhom, l-aktar wara li l-għarus li kellha, baħri fuq bastiment tal-gwerra Ingliż, jitlef ħajtu mgħarraq.

L-intriċċi jissuktaw meta għall-għarrieda jitfaċċa dak li Sophie kellha tarbija minnu. Minn fejn ġie u kif inqala'?

Mifnija bl-inkwiet, beżgħana li żewġha jsir jaf bilverità kollha dwar xbubitha, Sophie tibda sejra lura bis-siegħat sakemm timrad.

Tibda l-Gwerra u magħha jibdew l-inkwiet, in-niket, u l-imwiet, tkid ukoll il-ħerba. Kienet gwerra qalila mhux biss għall-Belt ta' l-Isla iżda wkoll għall-familja ta' Johnny u Sophie. Iżda min kienet u ta' min kienet Aida? Min kien missierha proprju? U ommha... min kienet? Xi jkunu l-konsegwenzi? Kif jeħodha Johnny? Xi jsir minn Sophie u minn Josette li tant għamlet ħsara iżda li fl-aħħar iġġiegħlek titħassarha?

Biex tkun taf aktar segwi r-rakkont kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd li jaqra Alfred Attard.

**Stejjer Qosra ma' Victor**




Bħal fl-iskedi li għaddew, Victor Grech, ta' kull nhar ta' Ħamis, iwasslilna mill-ġdid għadd ta' stejjer qosra li żgur jappellaw għall-ġurnata ta' llum. Xi ħsieb dwarhom ma jonqosx!

## MAGAZINE

**Għodwa ta' Festa**




Ingħaqad ma' Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai għal *breakfast show* tal-Ħadd filgħodu. Matul il-programm ser ningħaqdu ma' parroċċi differenti minn madwar il-gżejjer Maltin għall-konċelebrazzjoni pontifikali tal-festi tagħhom. Xi daqsxejn mużika, kompetizzjoni u informazzjoni ma jonqsux flimkien mal-programm 'Nitkellmu ma' l-Arċipriet'.

**Mal-Bidu tal-Weekend**




Huwa importanti li niddevertu u nirrilassaw billi nisimgħu xi kanzunetti li baqgħu jdoqqu 'l widna aktar wara li għaddew xi snin minn fuqhom. Imma huwa importanti wkoll li mal-mużika ngħaddu wkoll xi tagħrif u informazzjoni li tista' tkun utli għas-semmiegħa tagħna. Dan huwa dak li ser jagħtuna Rodianne Abela u Anna Marie Xerri f'dan il-programm kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar. Rokna minn dan il-programm ser tkun dedikata lit-tfal tal-ħames u s-sitt sena tal-iskola primarja fejn ser ikollhom l-opportunità li għal ftit ħin ikunu huma d-DJ's fuq ir-radju.

**Qomna Jew?!**




Il-*breakfast show* ta' Radju Leħen il-Qala li ta' kull filgħodu jkun miegħek b'irkejjen interessanti, tagħrif, kompetizzjonijiet, sorpriżi u fuq kollox mużika tajba. Ikollna interventi ta' Chelsi Cefai bir-rokna *Konċiż*, ir-rokna *Illum il-Qala fl-Imgħoddi* flimkien ma' irkejjen oħra bħal *News Headlines*, *Aġġornamenti Sportivi*, *Rapport tat-Temp* u intervisti mal-għaqdiet lokali. Karl u Jacqueline jkunu wara l-mikrofonu ta' dan l-istazzjon kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, mit-8.00am 'il quddiem, għal mija u ħamsin minuta ta' divertiment kontinwu u garanzija ta' l-aħjar bidu għall-ġurnata tiegħek!




**60's Afternoon**
Ċerti kanzunetti ħallew timbru mhux biss fuq l-istorja nnifisha iżda anke għadhom u jibqgħu friski fil-memorja tagħna. Għanjiet tal-passat li huma favoriti ma' ħafna. Hekk ħa jsemmgħulna Nancy Xerri u Antoine Cini f'dan il-programm nhar ta' Tlieta wara nofsinhar fejn se jeħodna lura fiż-żminijiet sittin u jdewquna suċċessi mill-imgħoddi.




**106.3 Italia**
Radju Leħen il-Qala jaħseb għal kulħadd anke f'dawk is-semmiegħa li jħobbu l-kanzunetti mill-Italja tal-passat u tal-mument. Ningħaqdu għalhekk ma' Gordon Mifsud kull nhar ta' Erbgħa filgħaxija għal taħlita mużikali mill-peniżola Taljana.




**All Time Favourites**
Hekk iġib l-isem tal-programm li ser iżommlok kumpanija kull nhar ta' Tlieta filgħaxija. Siltiet indimentikabbli li żgur ser jolqtu l-gosti tagħkom is-semmiegħa. DJ JayCee ser ikun magħna biex idewwaqna ftit mis-suċċessi mużikali li kkaratterizzaw epoki differenti.




**Delirium**
Loren Buttigieg u Jessica Cefai ser ikunu magħna għal skeda oħra biex iwasslulna kanzunetti li fil-preżent qed jiddominaw iċ-*charts* tal-mużika fl-Ewropa u l-Amerika. Ma jonqosx li nisimgħu wkoll xi kanzunetti mir-repertorju ta' David Guetta u Akon.




**Eurovision Time**
Kemm nisimgħu bil-Eurovision! Dejjem inkunu ħerqana biex naraw post Malta fejn ser ikun. F'dan il-programm Melanie Cefai u Roxana Xuereb ser idoqqu diski li għamlu suċċess tul is-56 sena li ilu jsir dan il-festival Ewropew.




**Highlights**
Albert Mizzi jkun magħna kull nhar ta' Sibt tard filgħaxija biex idewwaqna ftit mużika ta' kull żmien.

Jagħtina mużika li lkoll nafuha, sabiex iġibilna nostalġija għall-passat. Jagħtina mużika li mhix daqshekk popolari ħalli niffamiljarizzaw ruħna magħha u kif ukoll idaħħalna fix-xena tal-mużika tal-mument. Is-sehem tas-semmiegħa, b'kull mezz hu ferm apprezzat.




**Ilwien Mużikali**
Kif ilha tagħmel tul dawn l-aħħar skedi Marlene Debono iddewwaqna ftit mis-suċċessi mużikali ta' kull żmien f'disgħin minuta friski u divertenti, amalgamati flimkien ma' l-għażliet mużikali tas-semmiegħa numerużi ta' 106.3FM.




**Implosion**
Żagħżugħ/a? Tħobb il-mużika moderna speċjalment dik Trance? Il-Ħadd filgħaxija intona r-radju tiegħek fuq 106.3FM. Manuel Mizzi żgur li għandu t-taħlita ideali għalik.




**Irrid Infaħħrek**
Bl-istil tiegħu Joe Mejlaq iwassal mużika Praise. Il-mużika u t-talb isiru ħaġa waħda f'ambjent fejn tinħass tassew il-preżenza tal-Mulej.




**Melange**
Kif l-isem stess jindika, dan il-programm hu wieħed imżewwaq. Jinkludi informazzjoni, kurżitajiet u mużika varja minn repertorju kemm lokali u kemm barrani. Dan huwa l-aħjar mod biex tgħaddi siegħa rilassata fil-kumpanija ta' Josef Abela.




**Mar-Ritmu tal-Banda**
Il-marċi huma għal qalb is-semmiegħa kollha ta' 106.3FM. Għalhekk ma jonqosx li Karmnu Mizzi ta' kull nhar ta' Ħamis isemmagħlna marċi popolari minn baned Maltin u Għawdxin, fosthom mill-banda tagħna Ite ad Joseph.




**Monday Night Dance**
Għal sena oħra, Norbert Grima u Marcel Mejlaq iżommu kumpanija lis-semmiegħa tagħna t-Tnejn filgħaxija bid-diski u aħbarijiet strambi filwaqt li

jistiednu lis-semmiegħa jagħmlu kuntatt magħhom permezz tal-*facebook* u *msn*.

**Music Mania**

106.3FM jaħseb f'kulħadd, anke fiż-żgħażagħ. Antoine Farrugia jitfagħna fil-mużika moderna filwaqt li jsemmagħlna noti mużikali għall-gosti tas-semmiegħa. Tassew vetrina tal-mużika enerġetika u żagħżugħa!

**Music Matters**

Il-programm mużikali fejn fih nisimgħu mużika Minimal, House u Techno. Mużika li tolqot ferm iż- żgħażagħ tal-lum. Il-programm li għandek tisma' għal mużika ġdida u moderna. Mużika li forsi tiġi relatata ma' ċerti vizzji narawha u nisimgħuha minn angolu differenti. Dan kollu ma' DJ Nathan Portelli.

**Music Menu**

Mużika varjata, ta' kull ġeneru u era huma l-ingredjenti essenzjali li jiffurmaw l-għażla mużikali waqt il-programm 'Music Menu'. Kull nhar ta' Ħamis bejn id-9.15pm u l-10.00pm, spiċċa l-ġurnata tiegħek fil-kumpanija ta' Sammy Mejlaq dejjem fuq 106.3FM.

**Mużikomania**

Charles Portelli jerġa' jkun wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala biex idewwaqna mużika varjata, li hija l-ingredjent prinċipali ta' dan il-programm.

**Number 1**

Daniel Said jerġa' jsib ruħu wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala sabiex iwasslilna programm ta' mużika ta' kull żmien. B'kanzunetti mis-snin disgħin u mill-millenju l-ġdid, Daniel ser jagħtina dawk il-kanzunetti li rnexxielhom jitilgħu sal-quċċata taċ-*charts* tal-mużika.




**Only Country**

Il-mużika *Country* hija dik it-tip ta' mużika li tindaqq f'dan il-programm ma' Ivan Cefai li ser jitfagħna f'dinja tal-*country* u l-*western*.  Mhux il-mużika biss

tagħmel dan il-programm, iżda partikularment it-telefonati u l-messaġġi għandhom sehem importanti fih.

**Rewind**
Vjaġġ mużikali lura fis-snin 70, 80, 90 u anke 2000 flimkien ma' Franklin Vella ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija biex b'hekk nerġgħu nduqu mill-ġdid is-suċċessi mużikali ta' din l-epoka.




**Romantiċi**
X'hemm isbaħ milli nhar ta' Tnejn wara nofsinhar tirrilassa xi ftit bil-mużika melodjuża b'tema romantika? Josephine Xuereb ser tkun wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala sabiex tpaxxina b'din it-tip ta' mużika.

**S&I**
Bħalma kien fi skeda preċedenti, dan il-programm żgur li jinżel għasel ma' dawk kollha li jħobbu programm varjat u mhux bħal tas-soltu. Jippreżentaw id-*duo* Ivan Cefai u Savio Portelli. Dan hu l-aħjar mod biex tgħaddi l-lejla tal-Ħamis filgħaxija b'mod simpatiku u b'laqta komika fil-kumpanja ta' S&I!




**Spotlight**
Albert Mizzi jagħtina programm ieħor ta' mużika. Din id-darba f'kull programm Albert ser jiffoka fuq tlett *duo*, grupp jew persuna partikulari, u jagħtina informazzjoni dettaljata fuqhom flimkien mal-mużika.

**Tagħna f'Tagħna**
Charles Portelli u l-programm Tagħna f'Tagħna, huma lura fuq Radju Leħen il-Qala għal skeda oħra. Kull fejn tmur, importanti li qatt ma tinsa l-oriġini tiegħek. Tul id-disgħin minuta li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, Charles ser jagħtina mużika minn artisti lokali. Jekk huma l-Wintermoods, Ira Losco, Chasing Pandora, Freddie Portelli, The Tramps, Chiara, Sammy Bartolo, Philip Vella, Enzo Gusman, The Greenfields, Mike Spiteri u oħrajn, dawn huma kollha kantanti bravissimi mill-gżejjer tagħna.






**Dawl Għal Riġlejja Kelmtek**
F'dan il-programm is-soċju tal-Museum Angelo Xuereb ser jagħtina ħarsa spiritwali lejn id-dinja tax-xogħol u t-talb.




**"Ejja Warajja"**
Kull nisrani permezz tal-Magħmudija huwa msejjaħ biex jimxi wara Kristu. Imbagħad hemm dawk li Kristu jagħżel biex jimxu aktar mill-qrib ħalli "jemmnu dak li jgħallmu u jgħixu dak li jgħallmu". F'dan il-programm Gabriel Vella jintervista lil Dun Karm Xerri u lil Madre Eletta Vassallo li f'din is-sena qed jiċċelebraw l-Ġublew tad-Deheb mill-ordinazzjoni u mill-konsagrazzjoni rispettivament. Jintervista wkoll lil Fr Krystof Buttigieg li f'din is-sena ġie ordnat saċerdot. Fil-mixja vokazzjonali Gabriel jintervista lis-seminaristi John Paul Cefai u lil Gabriel Gauci, kif ukoll lin-novizza Louisann Vella.




**Il-Ħsieb tal-Jum**
Dun Mikiel Borg ta' kull għodwa ser jagħtina ħsieb marbut mal-ġurnata.



**Il-Knisja Tfakkar Illum**
Ta' kuljum, għal ħabta ta' nofsinhar, flimkien ma' Mary Josette Scerri nagħtu ħarsa lejn il-qaddis tal-jum bi ħsieb qasir li jiggwidana matul il-bqija tal-ġurnata.




**Il-Lezzjoni ta' Toni**
Fuq nota spiritwali, is-Soċju Toni Caruana jwasslilna dan il-programm b'rabta ma' diversi esperjenzi meħuda mill-ħajja ta' kuljum. Aċċenn għall-ispiritwalità Mużewmina ma tonqosx.




**Il-Mirakli Ewkaristiċi**
F'ħafna okkażjonijiet fl-istorja tal-Knisja, Alla ppermetta li jsiru mirakli biex isaħħaħ it-tagħlim kattoliku li jsostni li mal-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-quddiesa, il-ħobż u l-inbid fuq l-artal jinbidlu verament fil-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. F'dan il-programm, l-aħwa Christina u Francesca Cremona ser jagħtuna ħarsa lejn uħud minn dawn il-mirakli li seħħew tul l-istorja.




**Ixtri Ġurnata**
Ir-rokna fejn is-semmiegħa tagħna joffru xi ġurnata partikulari skond l-intenzjoni tagħhom tixxandar erba' darbiet kuljum matul l-iskeda kollha fil-ħinijiet tat-8.00am, 12.00pm, 6.00pm, u fis-7.35pm.




**Maż-Żerniq fit-Talb**
X'ħin tqum filgħodu, kif tiftaħ għajnejk, tinduna li l-lejl għadda u se tibda ġurnata ġdida. X'hemm isbaħ milli tgħolli ħsibijietek 'il fuq u tirringrazzja lill-Ħallieq? Permezz ta' dan il-programm, immexxi minn Josephine Cefai, Radju Leħen il-Qala jgħinek tagħmel dan.

**Mid-Dlam għad-Dawl**
Il-vjaġġ li l-bniedem jagħmel fil-fidi jibda b'mod differenti għal kull persuna. Iżda mhux il-bidu biss hu differenti, imma l-istess vjaġġ jista' jlaqqa' lil min jemmen f'diversi sitwazzjonijiet. In-nisrani huwa msejjaħ sabiex ikun ta' xhieda għat-twemmin tiegħu. F'din is-sensiela, ser niltaqgħu ma' żewġ persuni internazzjonali. Niltaqgħu mat-tfajla Cassie Bernall li nqatlet fl-20 t'April 1999 waqt li kienet f'Columbine High School. Għal mistoqsija jekk temminx f'Alla hija wieġbet "IVA" u f'dan il-mument hija sfat maqtula. B'mod esklussiv Ivan Cefai jintervista lil missierha Brad f'California fejn jirrakkonta din l-esperjenza. Persuna oħra huwa Chris Aubert li sar Kattoliku wara l-esperjenza tal-abort meta huwa kien Lhudi.







**Mil-Leġjun ta' Marija**
Programm ta' nofs siegħa imtella' mill-għaqda tal-Leġjun ta' Marija fil-Qala fejn fih ser tingħata ħarsa lejn il-ħidma tal-Leġjun fil-parroċċa tagħna, fid-djoċesi Għawdxija u madwar id-dinja.




**Niftakru fl-Erwieħ tal-Purgatorju**
F'dan il-mument niftakru fl-għeżież ħutna li l-ħajja tagħhom fuq din l-art intemmet u qed jistennew sabiex jingħaqdu fil-ferħ ta' dejjem.

**Nirriflettu Ftit**
Ħsibijiet spiritwali għal kuljum huma parti minn din



l-iskeda. It-Tnejn il-programm ikun f'idejn Marinton Mizzi, it-Tlieta Sr Lauretana Cassar, l-Erbgħa Agatha Vella, il-Ħamis Nancy Xerri, il-Ġimgħa Glorianne Cefai u fl-aħħarnett is-Sibt f'idejn Mary Josette Scerri.




**Nitolbu bl-Evanġelju**
L-ispjega tal-liturġija tal-Ħadd ikompli jagħtihielna Karmnu Portelli kif ilu jagħmel kull nhar ta' Sibt matul is-sena kollha. Dan il-programm ikollu ripetizzjoni l-Ħadd filgħodu.




**O Ġużeppi Missier Tagħna**
It-talb ta' tifħir u interċessjoni lil San Ġużepp ma jistgħux jonqsu. F'dan il-mument aħna mistiedna sabiex flimkien ningħaqdu u nitolbu lil dan il-qaddis Patrun tal-Knisja Universali.



**Quddiesa**
Matul din l-iskeda speċjali Radju Leħen il-Qala mit-Tnejn sas-Sibt ixandar żewġ quddisiet kuljum: dik tal-5.00am u tas-7.00pm. Il-Ħadd imbagħad il-quddies ikun fil-5.30am u fil-5.00pm filwaqt li fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu jiġu mxandra diversi pontifikali minn diversi bliet u rħula madwar il-gżejjer Maltin. Jixxandru wkoll b'mod dirett il-quddiesa tal-Erbgħat ta' San Ġużepp, tan-Novena u t-Tridu tal-Festa.



**Ružarju**
L-akbar ġieħ li nistgħu nagħtu lil Madonna hija li ta' kuljum nirreċitaw it-talba tar-Rużarju Mqaddes. Għalhekk ta' kuljum fis-6.45am u f'12.00am ningħaqdu flimkien mas-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan għat-talba tar-Rużarju. Fis-6.30pm imbagħad ningħaqdu mal-Knisja Arċipretali għal reċita oħra tar-Rużarju.




**Xhieda Qaddisa**
Ilkoll kemm aħna msejħa sabiex insiru qaddisin. Iċ-ċkejkna Monique Mizzi ser tagħtina bijografiji ta' xi qaddisin li aħna nistgħu nimitaw.

## SPORTIVI

**Sports Connection**

Huwa veru li fis-Sajf il-kampjonat tal-futbal ikun kważi wieqaf u l-attenzjoni tagħna tkun l-aktar fuq it-*transfers* tal-players bejn *club* u ieħor. Madankollu hemm sport ieħor li jkun iprattikat fix-xhur tas-Sajf. Il-*waterpolo*, il-MotoGP u l-Formula 1, it-*tournament* tat-tennis u sport ieħor huma fost it-temi ta' diskussjoni li ser tkun għaddejja fl-istudjows flimkien ma' Marcell Mejlaq u Kenny Grima. Ħarsa lejn l-istaġun li ġej għal Qala Saints ma tonqosx.

## GĦAT-TFAL

**Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf**



Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf

Kwiżż informattiv u edukattiv immirat għat-tfal tar-Rabà, il-Ħames u s-Sitt klassi tal-Primarja. B'logħob sempliċi iżda ta' taħbil il-moħħ fejn it-tfal mhuma mitluba jistudjaw xejn abbinat mal-kwiżż, żgur li intom ser tibqgħu ssegwuh sal-finali. Bil-mistoqsijiet ippreparati minn Chelsi Cefai u Noella Mifsud u b'erbat itfal fl-istudjow, dan il-kwiżż hu mmirat li jiġbed l-attenzjoni anke tas-semmiegħa adulti fejn huma mħeġġa' jilagħbu magħna mid-dar. Il-mistoqsijiet ser jitqajmu kull nhar ta' Sibt mill-10.00 sal-11.00 ta' filgħodu.

**Qalinu**




F'dan il-programm Josianne Bajada, Rossana Cremona, Miriam Mifsud, Amy Portelli, Marlene Rapa u Jessica Mizzi ser ikomplu jlaqgħuna mal-mascot ta' Radju Leħen il-Qala *Qalinu*. Is-semmiegħa ż-żgħar tagħna jkunu jistgħu jitkellmu miegħu filwaqt li jitgħallmu u jiddevertu flimkien. Xi storja u rigali ma jonqsux.

## XANDIRIET



Radju Leħen il-Qala, f'diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet joħroġ 'il barra mill-istudjows. Permezz ta' diversi kollegamenti jwassal lis-semmiegħa tiegħu dak kollu li jkun qed iseħħ. Partikularment f'din l-iskeda jispikkaw ix-xandiriet tal-attivitajiet organizzati fil-15-il sena ta' xandir tar-radju, il-*prima messa* ta' Fr Krystof Buttigieg, l-oratorju

tal-banda Ite ad Joseph u fuq kollox l-attivitajiet esterni fil-ġimgħa tal-festa.

## PROGRAMMI BL-INGLIŻ

**Scandal of the Cross, Heresies Against the Catholic Church**




Will we awake someday and discover to our sorrow, we are no longer Catholic? This programme traces the Heresies from the beginning of the Church up to and including today. To know what's happening in our Church today you must listen to this programme. It is an important work because it reveals the Heresies of today in the light of the Heresies of yesterday. Production Bob and Penny Lord.

**Pope Fiction**




In this series Patrick Madrid answers and refutes many misconceptions about the Papacy and the Office of the Pope in the Roman Catholic Church. He refutes the myths of a so-called woman pope named Joan, the accusations leveled at the Papacy due to the Spanish Inquisition, the alleged failure of Pope Pius XII to do more to denounce and stop the Nazi's. He also explains and refutes many misconceptions about the Office of the Pope like the difference between infallibility and impeccability, the Scriptural references that indicate the Apostle Peter's designation by Christ as the Leader or Pope of the Apostles and His Church, the scriptural references where the Apostles handed down their authority as Bishops.

**The Ten Commandments**




In the inspiring and thought-provoking new series, The Ten Commandments, renowned author, psychologist and Franciscan priest, Fr. Benedict Groeschel explores the Decalogue with great sensitivity and insight. It is a series of fruitful meditations and practical applications of the 10 Commandments to your life today. As you listen, you'll discover why all who take morality seriously must believe in objective moral norms. Father

reveals how the moral law is written on the human heart and how, although they may no longer be "politically correct", the Ten Commandments form the moral foundation of the great world religions and western civilization itself. A renowned retreat master, Fr. Groeschel has the ability to be compassionate without compromising the truth. Prepare to be called to a profound examination of conscience as he grapples with the tough moral issues facing our society and takes a no-holds-barred account of the state of the American soul. You'll gain new appreciation of the depth and scope of a seemingly simple divine directive like, "Honor thy father and thy mother" when seen in terms of the decimation of marriage, family life and the holocaust of abortion.

**Swear to God**




Scott Hahn, a convert to Catholicism who is professor of biblical theology at Franciscan University in Steubenville, Ohio, continues his popular expositions on various aspects of the Catholic faith in this treatise on the church's seven sacraments. Hahn shares how he once regarded sacraments as "boring," but reconsidered that view after a challenge from his wife, Kimberly, while both were still Protestants. In reading the works of the church fathers, Hahn came to see the sacraments as signs of God's covenant with humanity and thus more than mere rituals. When Catholics receive them, he writes, they make a covenant with God that has weighty implications. He explains how in ancient times, parties to covenants would swear a sacred oath, offer a sacrifice and share a meal, all elements contained in the sacraments today. Hahn insists sacraments are based in scripture and makes a convincing case that they were not late additions to Christianity, but were practiced by the early church. He offers personal testimony as well, crediting grace from the sacrament of matrimony with sustaining him and his wife through the difficult period in which he left the Protestant ministry and converted to Catholicism.

***Għeżież semmiegħa,***

Min qatt kellu jgħidilna fil-25 ta' Lulju 1996 li llum qegħdin niċċelebraw il-15-il sena minn meta beda jidwi dan il-leħen? Min qatt kellu jgħidilna li wasalna biex intellgħu l-15-il skeda tal-festa Ġużeppina? Bil-għajnuna t'Alla rnexxilna naslu. Mat-triq kien hemm ħafna tlajjiet u nżul, iżda dan kollu sawwar dak li hu Radju Leħen il-Qala llum. Minn daqsxejn ta' kamra fuq is-sagristija qed noperaw minn studjows *state-of-the-art* - 'dar' oħra għal voluntiera ta' RLQ. Bdejna mix-xejn, spiċċajna bil-ħafna! U dan kollu grazzi lil voluntiera ta' dan l-istazzjon, t'issa u tal-imgħoddi, li taw l-enerġija, it-talenti u ħinhom matul dawn is-snin kollha. Grazzi lil benefatturi tagħna li sibna l-għajnuna tagħhom kull meta kellna bżonn. Grazzi lis-semmiegħa tagħna - dawk tal-qrib u anke tal-bogħod - li jkunu tant ħerqana kull meta toqrob skeda oħra.

Huwa fatt li l-iskeda tal-festa Ġużeppina tkun l-aktar waħda mistennija u segwita. Permezz tar-radju, il-komunità parrokkjali minn ġimgħat qabel titħejja u tidħol fl-ispirtu tal-festa. Imma biex wieħed itella' skeda bħal din jeħtieġ ħafna taħbil il-moħħ u sforzi ta' bosta voluntiera. Pruvajna, bħal dejjem, nagħtukom għażla varjata ta' programmi li tistgħu ssegwu biex nippruvaw nolqtu l-gosti ta' kulħadd. F'din l-iskeda, bħal fi skedi tal-passat, ser nagħtukom ukoll ix-xandir kollu relatat mal-għadd ta' ċelebrazzjonijiet u avvenimenti li ser jibqgħu żgur immarkati f'qalbna u miktuba fl-istorja tar-raħal tagħna.

Għal din l-iskeda wkoll, apparti l-introduzzjoni ta' programmi u ilħna ġodda, ser nagħtu prominenza lil għeluq il-15-il sena ta' dan l-istazzjon. Għalhekk, mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-5pm ser inxandru xi siltiet memorabbli mill-arkivji ta' RLQ kif ukoll waqt il-programm *15-il sena għas-servizz tiegħek* ser nagħtu ħarsa lejn il-mixja ta' RLQ tul dawn is-snin.

Minn hawnhekk nixtieq nistedinkom ilkoll għal *weekend* ta' attivitajiet li ser nagħmlu bejn it-23 u l-25 ta' Lulju. Inħeġġikom biex iżżuru s-sit tagħna <u>www.radjulehenil-qala.com</u> li bħalissa qed naħdmu biex nagħtuha dehra ġdida. Għal din l-okkażjoni ser ikollna wkoll kanzunetta *Storja ta' Suċċess* b'kompożizzjoni tas-Surmast Antoine Mercieca, b'lirika ta' Sammy Mejlaq u tkanta Ruth Portelli.

Mill-ġdid nirringrazzja lilkom semmiegħa tas-sapport kontinwu tagħkom. Grazzi wkoll tmur lit-tekniċi u lil preżentaturi tal-kontribut kontinwu tagħhom. Nirringrazzja lill-Arċipriet, lil Fr Charles u lil kleru kollu tal-parroċċa. Hawn nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja u nawgura lil Fr Krystof fil-bidu tal-ministeru saċerdotali tiegħu. F'isem l-amministrazzjoni nawgura lilkom ilkoll il-Festa t-Tajba.

***Ivan Cefai,*** *Ko-ordinatur*

# *L-ilħna li jagħmlu l-leħen*

Arċ. Fr Joe Zammit
Abela Josef
Abela Rodiann
Attard Alfred
Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Amerika
Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja
Bajada Josianne
Bartolo Diana
Bartolo Michael Carol
Bonnici Matthew
Borg Dun Mikiel
Buttigieg Fr Charles
Buttigieg Clayton
Buttigieg Fr Krystof
Buttigieg Dylan
Buttigieg Karl
Buttigieg Loren
Buttigieg Michael
Buttigieg Patricia
Buttigieg Raymond
Caruana Christoph
Caruana Toni
Cassar Sr Lauretana
Cefai Angelica
Cefai Chelsi
Cefai Glorianne
Cefai Ivan
Cefai Jacqueline
Cefai Jessica
Cefai Johan
Cefai Sem. John Paul
Cefai Joseph Michael
Cefai Malcolm
Cefai Melanie
Cini Antoine
Cini Joseph
Cremona Aryton
Cremona Christina
Cremona Francesca
Cremona Rossana
Cutajar Joey (aka DJ JayCee)
Cutajar Joseph
Debono Marlene
Farrugia Antoine
Gauci Sem. Gabriel
Ghirxi Frans
Grech Victor
Grima Kenny
Grima Norbert
Kunsill Lokali Qala
Leġjun ta' Marija
Magro Frankie
Meilak Joe
Mejlaq Marcell
Mejlaq Sammy
Mifsud Gordon
Mifsud Joanna
Mifsud Miriam
Mifsud Noella
Mizzi Albert
Mizzi Euchar
Mizzi Jessica
Mizzi Karmnu
Mizzi Manuel
Mizzi Marinton
Mizzi Monique
OASI
Petricco Stephen
Pisani Philip
Portelli Amy
Portelli Charles
Portelli Karmnu
Portelli Lee Ann
Portelli Nathan
Portelli Savio J.
Rapa Marlene
Said Daniel
Saliba Frans J.
Scerri Mary Josette
Schwaiger Christoph
Vella Adrian
Vella Agatha
Vella Eemer
Vella Franklin
Vella Gabriel
Xerri Anna Marie
Xerri Dr Raymond C.
Xerri Nancy
Xuereb Anglu
Xuereb Josephine
Xuereb Roxana

# mal-Medda tas-Snin

## 2008



L-ewwel radju komunitarju li jinvesti 80 elf ewro fi studjows *state-of-the-art*, bl-apparat impurtat minn barra u li l-maġġoranza tiegħu nxtara mingħand żewġ kumpaniji speċjalizzati fil-qasam tax-xandir - RVR Eletronica u Axel Technology... studjows ġodda li taw dar oħra lill-voluntieri tar-radju.

## 2009



Issa mhux biss leħen imma wkoll bil-viżiv. Tingħata l-opportunità partikularment lill-emigranti sabiex isegwu b'mod *live* il-viżiv ta' dak kollu li jkun għaddej fil-pjazza 24 siegħa kuljum. Din il-possibbiltà tkun estiża għal ġol-Knisja Arċipretali.

## 2010



Bil-ħidma tal-amministrazzjoni ntlaħaq il-100 voluntier biex jagħtu kontribut fid-diversi skedi li r-radju jtella' matul is-sena. Dawn il-voluntieri ħadmu biex jagħtu dehra ġdida u moderna lill-iskedi. Taw dimensjoni akbar lix-xandir filwaqt li ħarrġu u introduċew ilħna ġodda.

## ILLUM

15-il sena wara...
Radju Leħen il-Qala jkompli jkun ta' servizz għalik!



## MID-DLAM GHAD-DAWL

Għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin, Radju Leħen il-Qala b'mod esklussiv jintervista lil:
Brad Bernall, missier it-tfajla Cassie li nqatlet f'Columbine High School fl-Amerika wara li qalet li temmen f'Alla, u lil Chris Aubert il-Lhudi li sar Kristjan wara l-esperjenza kerha tal-abort.



## TU ES SACERDOS

Xandira diretta taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Prima Messa ta' Dun Krystof Buttigieg:
il-Korteo mid-dar għall-knisja
u l-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr.

## 15-IL SENA TA' XANDIR

## FESTA SAN ĠUŻEPP 2011



# XANDIRIET SPEĊJALI TA' RADJU LEĦEN IL-QALA